## LILL-KNISJA TAL-MOSTA

*Ifaħħrek knisja tagħna l-barrani,*
*U minn barra għadhom jiġu jammirawk.*
*Ma aħna le; bħal Malti ġewwa daru*
*Kemm, għidli knisja, qatt jiġu nies jarawk?*

*Int knisja, li bħalhekk biss tnejn oħra hawn*
*Fid-dinja; ittemmek qatt ebda moħqrija?*
*L-għadu rajnieh, jixħetlek l-eħrex ħjiena*
*Biex tiegħek ifarraklek is-sbuħija.*

*U l-bomba li bħal xejn ħaffret is-saqaf:*
*Hemm tlitt mitt ruħ fejn waqgħet, kienet tgħammar.*
*U l-għadu ra bl-inkejja minn dak l-għoli*
*Il-knisja tibqa'; ħadd min-nies jitħammar.*

*'Miraklu dan minn Alla aħwa tiegħi;*
*Ejjew fil-knisja; Haddnu 'l Kristu miegħi!'*

17.iv.54 John A. Gauci DeGiovanni

## SIEGHA INĊERTA

*Fid-dawl dubbjuż ta' siegħa nċerta*
*Ix-xemx titni denbha bħal pagun;*
*Tiskot is-sinfonija kollha tal-kuluri*
*U l-jum bħal flawt bla nifs jimmuta.*

*L-urieżaq itektku eżatti daqs arloġġi,*
*L-alla tal-baħar bil-mod jonfoħ sidru*
*U l-ilma b'leħen irqiq iżiegħel il-blat:*
*Hoss artab daqs nifs itappan ħġieġa.*

*Jitbattal il-moħħ mill-ħsieb, tiżloq*
*Kull tifkira, bħal ramel bejn is swaba'.*
*Ir-riħ ibandal dgħajsa bħal benniena*
*U jimraħ l-inkwiet mir-ruħ għajjiena.*

*Vancluse* P.S. Inglott